Nru. 17,726
Prezz Lm1.12c
Price Lm1.12c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 15 ta' Frar, 2005
Tuesday, 15th February, 2005

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 139

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 17,723 tal-11 ta' Frar, 2005.

A.L. Nru. 42 ta' l-2005: *Plant Quarantine Act, 2001 (Act No. XVII of 2001); Plant Quarantine (Harmful Organisms) (Amendment) Regulations, 2005*.

A.L. Nru. 43 ta' l-2005: Att dwar is-Salarji ta' l-Imħallfin u tal-Maġistrati (Kap. 175); Ordni ta' l-2005 dwar ir-Reviżjoni tas-Salarji ta' l-Imħallfin u Maġistrati.

A.L. Nru. 44 ta' l-2005: Att dwar is-Salarji tal-President ta' Malta u ta' Uffiċjali Oħra (Kap. 186); Ordni ta' l-2005 dwar ir-Reviżjoni tas-Salarji tal-President ta' Malta u ta' Uffiċjali oħra.

A.L. Nru. 45 ta' l-2005: Att dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja u l-Verifika (Kap. 174); Regolamenti ta' l-2005 dwar it-Trasparenza fir-Relazzjonijiet Finanzjarji bejn l-Istat u Entitajiet Pubbliċi.

Il-15 ta' Frar, 2005

Nru. 140

AĠENT PRIM MINISTRU U MINISTRU TAL-FINANZI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, fuq il-parir tal-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, il-President ta' Malta ordna illi l-Onor. Tonio Borg, LL.D., M.P., Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, jassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi b'seħħ minn nhar it-Tnejn, l-14 ta' Frar, 2005, matul l-assenza ta' l-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P.

L-14 ta' Frar, 2005
(OPM 1/2005)

GOVERNMENT NOTICES

No. 139

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette No. 17,723 of the 11th February, 2005.

L.N. No. 42 of 2005: Plant Quarantine Act, 2001 (Act No. XVII of 2001); Plant Quarantine (Harmful Organisms) (Amendment) Regulations, 2005.

L.N. No. 43 of 2005: Judges and Magistrates (Salaries) Act (Cap. 175); Judges and Magistrates (Revision of Salaries) Order, 2005.

L.N. No. 44 of 2005: President of Malta and other Officers (Salaries) Act (Cap. 186); President of Malta and other Officers (Revision of Salaries) Order, 2005.

L.N. No. 45 of 2005: Financial Administration and Audit Act (Cap. 174); Transparency of Financial Relations between the States and Public Undertakings Regulations, 2005.

15th February, 2005

No. 140

ACTING PRIME MINISTER AND MINISTER OF FINANCE

IT is notified for general information that, acting on the advice of the Prime Minister and Minister of Finance, the President of Malta has directed that the Hon. Tonio Borg, LL.D., M.P., Deputy Prime Minister and Minister for Justice and Home Affairs, assume the additional duties of Prime Minister and Minister of Finance with effect from Monday, 14th February, 2005, during the absence of the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P.

14th February, 2005

Nru. 141

ATT DWAR L-GĦAJNUNA FINANZJARJA LILL-INDUSTRIJI TAL-BIEDJA U TAS-SAJD (KAP. 146)

Applikazzjonijiet għall-Għajnuna f'Żona fit-Termini tar-Regolamenti dwar l-Aġenzija ta' Pagamenti, 2005

1. Għall-iskopijiet ta' l-inċiż 5 (4) ta' l-Anness 2 tar-Regolamenti dwar l-Aġenzija ta' Pagamenti, 2004, ippubblikati fl-Avviż Legali 126 ta' l-2004, ngħarrfu b'din li n-Notifikazzjonijiet tal-Gvern Nri. 330, 338, 506 u 653 ta' l-2004 m'għadhomx japplikaw, u li din in-Notifikazzjoni tniżżel ir-regolamenti għal din is-sena 2005. Ngħarrfu wkoll li r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 2419/2001, li għalih issir riferenza fl-istess Avviż Legali, m'għadux fis-seħħ u ġie rrevokat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 796/2004 tal-21 ta' April, 2004 dwar regoli dettaljati biex tkun implimentata l-*cross-compliance*, modulazzjoni u s-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll ipprovduti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1782/2003 li jistabbilixxi regoli ġenerali għall-għajnuna diretta tal-politika agrikola komuni u jistabbilixxi xi għajnuniet oħra għall-bdiewa.

2. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 1973/2004 tad-29 ta' Ottubru 2004 jippreskrivi regoli dettaljati biex ikun implimentat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1782/2003 rigward skemi oħra ta' għajnuna mfassla fit-Titli IV u IVa ta' dak ir-Regolament u l-użu ta' art mistrieħa għall-produzzjoni ta' *raw materials*. Kif imniżżel fil-preliminari (3) tar-Regolament (KE) Nru. 1973/2004, il-kobor minimu għall-applikazzjoni għall-għajnuniet għall-art li tinħadem f'Malta ġie ffissat għal 0.1 ettaru, filwaqt li għas-snin 2005 u 2006, Malta tista' tiffissa l-kobor minimu għall-art mistrieħa għal inqas minn 0.1 ettaru f'kobor u 10 metri wisa', kif imniżżel fl-Artikolu 65 ta' l-istess Regolament.

3. Rigward il-kriterji ta' eliġibilità għall-pagament fuq prodotti li jinħartu, japplikaw l-Artikoli 51 u 52 tar-Regolament (KE) Nru. 1973/2004.

4. Rigward it-tifsira ta' art mistrieħa u pagamenti mogħtija fuq art mistrieħa voluntarjament, japplikaw l-Artikoli 64 u 68 tar-Regolament (KE) Nru. 1973/2004 rispettivament.

5. Bidwi li qed jirċievi għajnuna diretta huwa obbligat li jirrispetta l-kundizzjonijiet statutorji ta' amministrazzjoni li għalihom issir riferenza fl-Anness III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1782/2003. Għal din is-sena 2005, huma obbligatorji biss l-ewwel tmienja minn dawn il-kundizzjonijiet.

No. 141

AGRICULTURE AND FISHERIES INDUSTRIES (FINANCIAL ASSISTANCE) ACT (CAP. 146)

Area Aid Applications in Terms of the Paying Agency Regulations, 2005

1. For the purposes of point 5 (4) of Annex 2 to the Paying Agency Regulation, 2004, published by Legal Notice 126 of 2004, it is hereby declared that Government Notices Nos. 330, 338, 506 and 653 of 2004 no longer apply, and that this present Notice sets out the regulations for Area Aid Applications for the current year 2005. It is also notified that Commission Regulation (EC) No. 2419/2001, referred to in the same Legal Notice, is no longer in force and has been repealed by Commission Regulation (EC) No. 796/2004 of 21 April 2004, laying down detailed rules for the implementation of cross-compliance, modulation and the integrated administration and control system provided for in Council Regulation (EC) No. 1782/2003 establishing common rules for direct support schemes under the common agricultural policy and establishing certain support schemes for farmers.

2. Commission Regulation (EC) No. 1973/2004 of 29 October 2004 lays down detailed rules for the application of Council Regulation (EC) No. 1782/2003 as regards the support schemes provided for in Titles IV and IVa of that Regulation and the use of land set aside for the production of raw materials. As set out in the preamble (3) of Regulation (EC) No. 1973/2004, the minimum size of application to area based direct payments in Malta should be fixed at 0.1 ha, and for the years 2005 and 2006, Malta may set the minimum size requirements for set aside areas at less than 0.1 ha in size and 10m wide, according to Article 65 of the same Regulation.

3. As regards the eligibility criteria for arable crops area payment, Articles 51 and 52 of Regulation (EC) No. 1973/2004 shall apply.

4. As regards the definition of set-aside land and payments on land voluntarily set-aside, Article 64 and 68 of Regulation (EC) No. 1973/2004 shall apply respectively.

5. A farmer receiving direct payments is obliged to respect the statutory management requirements referred to in Annex III of Council Regulation (EC) No. 1782/2003. For the current year 2005, only the first eight of these requirements are obligatory. These entered into force on the 1st of January

Dawn daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2005, u għandhom x'jaqsmu ma' l-ambjent, is-saħħa pubblika u dik ta' l-annimali, u l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' l-annimali.

6. Bidwi li qed jirċievi għajnuna diretta huwa obbligat ukoll li jżomm l-art agrikola kollha f'kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajba, fuq il-bażi ta' l-Anness IV tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1782/2003, il-Metodi ta' Biedja Għaqlija kif imniżżla fil-Pjan ta' l-Iżvilupp Rurali 2004-2006, u fuq il-Kodiċi tal-Prattiċi ta' Biedja Għaqlija (COGAP).

7. Għall-iskop ta' l-inċiż 1 ta' l-Anness 2 ta' l-Avviż Legali 126 ta' l-2004, it-tifsira ta' "raba' tajjeb għall-ħrit" qed tiġi mibdula hekk:

(a) "Raba' tajjeb għall-ħrit" ifisser raba' miżrugħ jew raba' mistrieħ, jew miżmum f'kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajba, kif mgħarraf fl-Artikolu 5 u fl-Anness IV tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1782/2003, jew raba' li fuqu hemm is-serer;

filwaqt li dawn it-tifsiriet qed jiġu miżjuda:

(b) "*Cross-compliance*" tfisser il-kundizzjonijiet statutarji ta' amministrazzjoni (imsemmija fl-inċiż 2 hawn fuq), u l-kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajba kif mgħarraf fl-Artikoli 4 u 5 tar-Regolament (KE) 1782/2003;

(ċ) "Ksur tal-*cross-compliance*" tfisser kull tip ta' ksur, jew nuqqas ta' qbil ma' l-obbligi u l-ħtiġiet tal-kriterji ta' ġestjoni obbligatorji, u tal-kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajba msemmija hawn fuq.

8. F'każijiet ta' ksur tal-*cross-compliance*, jiġu applikati l-liġijiet dwar it-tnaqqis u l-esklużjonijiet imniżżla fil-Kapitolu II tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 796/2004, skond il-gravità tal-każ li tiġi deċiża mid-*Dispute Resolution Board*, kif provdut fl-Artikolu 4 tan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1156 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tad-9 ta' Novembru, 2004.

9. Kull bidwi li japplika għall-għajnuna f'żona huwa meħtieġ li jiddikjara r-raba' kollu li għandu fl-azjenda tiegħu, li jinkludi dawk il-biċċiet ta' raba' li m'huwiex qed jiżra' għall-fini li jieħu l-għajnuna fuqhom. Jekk id-differenza bejn il-kobor ta' l-art kollha dikjarata fl-applikazzjoni, u l-kobor ta' l-art dikjarata flimkien mal-kobor ta' l-art mhux dikjarata tirriżulta f'aktar minn 3% ta' l-art dikjarata, l-ammont ta' għajnuna dovut lill-bidwi għal dik is-sena jiġi mnaqqas sa massimu ta' 3% skond il-gravità tas-sitwazzjoni.

2005, and deal with environmental issues, public and animal health, and the identification and registration of animals.

6. A farmer receiving direct payments is also obliged to maintain all agricultural land in good agricultural and environmental condition, on the basis of Annex IV of Council Regulation (EC) No. 1782/2003, the Good Farming Practices referred to in the Rural Development Plan 2004-2006, and the Code of Good Agricultural Practices (COGAP).

7. With reference to point 1 of Annex 2 of Legal Notice 126 of 2004, the definition of "arable land" is being replaced thus:

(a) "Arable land" means land cultivated for crop production and land under set-aside, or maintained in good agricultural and environmental condition according with Article 5 and Annex IV of Council Regulation (EC) No. 1782/2003, or land under greenhouses;

while the definitions below are being appended:

(b) "Cross-compliance" means the statutory management requirements (mentioned at point 2 above), and the good agricultural and environmental conditions in accordance with Articles 4 and 5 of Regulation (EC) No. 1782/2003;

(c) "Non-compliance" means any non-compliance with the requirements, obligations and standards set out in the statutory management requirements and the good agricultural and environmental conditions mentioned above.

8. In cases of non-compliance, the reductions and exclusions laid out in Chapter II of Commission Regulation (EC) No. 796/2004 shall apply, depending on the severity of the case as decided by the Dispute Resolution Board, as provided by Article 4 of G.N. 1156 published in the Government Gazette of the 9th November, 2004.

9. A farmer submitting an area aid application is required to declare all areas within his agricultural holding, including those areas which are not used for the purposes of the aid schemes applicable. If the difference between the overall area declared in the area aid application, and the area declared plus the overall area of the parcels not declared is more than 3% of the area declared, the overall amount of direct payments payable to the farmer for the year in question shall be reduced by up to 3% depending on the severity of the omission.

Perċentwal ta' l-art mhux dikjarata	Perċentwal tat-tnaqqis li se jiġi applikat	Percentage of omission	Percentage of reduction to be applied
1% – ≤ 30%	1%	1% – ≤ 30%	1%
>30% – ≤ 60%	2%	>30% – ≤ 60%	2%
>60%	3%	>60%	3%

10. Għall-iskop ta' l-inċiż 18 ta' l-Anness 2 ta' l-Avviż Legali 126 ta' l-2004, li jitkellem fuq it-trasferiment ta' ażjendi, jekk applikant jittrasferixxi l-azjenda tiegħu jew parti minnha lil persuna oħra u li fuqha għandu mibdi impenn relatat mal-miżuri ta' l-iżvilupp rurali (Żoni Żvantaġġati, Ħitan tas-Sejjieħ ta' Lqugħ, Awtoktoni, u Biedja Organika), il-persuna li lilha qed tiġi trasferita l-impriża tista' tagħżel li tkompli tirrispetta l-impenn għal kumplament taż-żmien stipulat. Dan huwa mgħarraf fl-Artikolu 36 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 817/2004. Jekk l-impenn ma jiġix trasferit, il-persuna li ttrasferiet tkun obbligata li tagħti lura l-għajnuna li tkun irċeviet.

10. With reference to point 18 of Annex 2 of Legal Notice 126 of 2004, re: transfer of holdings, where a beneficiary transfers all or part of a holding to another person during the period for which a commitment given as a condition for the grant of assistance runs (in relation to rural development measures: LFA, Rubble Walls, Autochthonous and Organic), the transferee may take over the commitment for the remainder of the period. This is set out in Article 36 of Commission Regulation (EC) No. 817/2004. If the commitment is not taken over, the transferor will have to reimburse the assistance that he has already been granted.

11. L-applikazzjonijiet għall-għajnuna f'żona se jiġu aċċettati mis-Servizzi Delegati ta' l-Aġenzija ta' Pagamenti fiċ-Ċentru ta' l-Għammieri, il-Marsa, l-Uffiċċju ta' l-*Extension Services* ta' Ħaż-Żabbar u l-Mosta u mill-Uffiċċju ta' l-IACS, Ministeru għal Għawdex.

11. Area aid applications shall be accepted by the Delegated Services of the Paying Agency at the National Agricultural Research and Development Centre, Għammieri, Marsa, Żabbar and Mosta Extension Services and the IACS Office, Ministry for Gozo.

12. L-iskemi ta' għajnuna u d-dati ta' l-għeluq huma dawn li ġejjin:

12. The following Aid Schemes shall be applicable, and the closing dates shall be as listed hereunder:

	Skema ta' Għajnuna *Aid Scheme*	Data ta' l-Għeluq *Closing Date*	Data għaż-Żrigħ *Sow Date*
1. *1.*	Għajnuna fuq qmuħ, ċereali u magħlef ieħor *Arable Aid*	30 ta' Marzu *30th March*	31 ta' Mejju *31st May*
2. *2.*	Frott u Ħxejjex għall-Produzzjoni *Fruit and Vegetables for Production*	25 ta' April *25th April*	30 ta' Ġunju *30th June*
3. *3.*	Frott u Tadam għall-ipproċessar *Fruit and Tomatoes for Processing*	25 ta' April *25th April*	30 ta' Ġunju *30th June*
4. *4.*	Patata *Potatoes*	25 ta' April *25th April*	31 ta' Mejju *31st May*
5. *5.*	Żebbuġ *Olives*	10 ta' Novembru *10th November*	Ma tapplikax *Not applicable*
6. *6.*	Taħwil tad-Dwieli *Vine Planting*	10 ta' Novembru *10th November*	Ma tapplikax *Not applicable*
7. *7.*	Ristrutturar tad-Dwieli *Restructuring for Vines*	10 ta' Novembru *10th November*	Ma tapplikax *Not applicable*

8.	Għajnuna Addizzjonali fuq id-Dwieli	10 ta' Novembru	Ma tapplikax
8.	*Additional Aid for Vines*	*10th November*	*Not applicable*
9.	Ħitan tas-Sejjieħ ta' Lqugħ	25 ta' April	Ma tapplikax
9.	*Rubble Walls*	*25th April*	*Not applicable*
10	Awtoktoni	25 ta' April	Ma tapplikax
10	*Autochthonous*	*25th April*	*Not applicable*
11.	Biedja Organika	10 ta' Novembru	Ma tapplikax
11.	*Organic*	*10th November*	*Not applicable*
12.	Żoni żvantaġġati	Tinbidel skond l-iskema relatata	Ma tapplikax
12.	*Less Favoured Area*	*Changes according to the relative aid scheme*	*Not applicable*
13.	Għajnuna *Ad Hoc* għall-bdiewa reġistrati *full-time*	25 ta' April	Ma tapplikax
13.	*Ad Hoc measure for full-time farmers*	*25th April*	*Not applicable*

(a) Għall-għajnuna fuq qmuħ, ċereali u magħlef ieħor, l-applikazzjonijiet jibqgħu jiġu aċċettati sa 25 ġurnata oħra wara d-data ta' l-għeluq, jiġifieri sa l-24 ta'April, però jiġu soġġetti għal multa ta' 4% għal kull ġurnata xogħol fl-għajnuna li għaliha jkun intitolat il-bidwi għal din l-iskema. Minħabba li din id-data taħbat il-Ħadd, il-25 ġurnata se tiġi kkunsidrata bħala t-Tnejn, il-25 ta' April, 2005.

(b) Applikazzjonijiet wara d-dati ta' l-għeluq ma jiġux aċċettati.

(ċ) Id-dati għaż-żrigħ imsemmija hawn fuq jagħtu ċ-ċans lill-applikanti li jemendaw l-applikazzjoni għall-għajnuna billi jużaw l-Artikolu 15 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 796/2004 sad-data għaż-żrigħ ta' l-iskema relatata, dejjem fejn japplika. Dawn l-emendi jinvolvu ż-żieda ta' biċċiet ta' art li għadhom ma ġewx dikjarati fl-applikazzjoni, kif mgħarraf fl-Artikolu hawn imsemmi.

(d) L-applikazzjonijiet għall-għajnuna jistgħu wkoll jiġu emendati bl-Artikoli 19, 22, 68, 72 u 74 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 796/2004. Japplikaw ukoll is-sanzjonijiet u l-penali msemmija f'dan ir-regolament.

13. Il-possibilità ta' applikazzjonijiet għal għajnuniet differenti fuq l-istess wiċċ ta' art huwa limitat skond kif stipulat fir-Regolamenti relatati.

14. Għall-iskemi kollha msemmija hawn fuq, japplikaw dawn ir-Regolamenti:

(a) For Arable Aid, applications may be submitted within a period of 25 calendar days from the closing date, that is until 24th April, 2005, however being subjected to a 4% reduction per working day in the amounts to which the farmer would have been entitled under the aid scheme in question. Since this date falls on a Sunday, the 25th day shall be considered as being Monday, 25th April, 2005.

(b) Applications submitted after the closing dates indicated shall be considered inadmissible.

(c) The sow dates listed above are an additional provision which make it possible for claimants to amend their area aid application using Article 15 of Commission Regulation (EC) No. 796/2004 until the sow date of the aid scheme in question, where applicable. Such amendments concern the addition of individual agricultural parcels not yet declared in the area aid application, as set out in the mentioned Article.

(d) Aid applications may also be amended in accordance with Articles 19, 22, 68, 72 and 74 of Commission Regulation (EC) No. 796/2004. Sanctions and penalties applicable through the said Commission Regulation shall apply.

13. The incompatibilities between declaration of multiple crop surfaces apply as laid out in the relevant Regulations.

14. For all of the above aid schemes, the following Regulations shall apply:

Nru. 2200/1996, Nru. 2201/1996, Nru. 2202/1996, Nru. 2366/1998, Nru. 1251/1999, Nru. 1257/99, Nru. 1493/1999, Nru. 495/2001, Nru. 1535/2003, Nru. 1782/2003, Nru. 1783/2003, Nru. 2111/2003, Nru. 583/2004, Nru. 795/2004, Nru. 796/2004, Nru. 817/2004, Nru. 864/2004, Nru. 1973/2004 u Nru. 1974/2004.

Il-15 ta' Frar, 2005

No. 2200/1996, No. 2201/1996, No. 2202/1996, No. 2366/1998, No. 1251/1999, No. 1257/99, No. 1493/1999, No. 495/2001, No. 1535/2003, No. 1782/2003, No. 1783/2003, No. 2111/2003, No. 583/2004, No. 795/2004, No. 796/2004, No. 817/2004, No. 864/2004, No. 1973/2004 and No. 1974/2004.

15th February, 2005

Nru. 142

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (SERVIZZI KORPORATTIVI) MINISTERU GĦALL-KOMPETITTIVITÀ U L-KOMUNIKAZZJONI

IL-PRIM Ministru approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 142

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR (CORPORATE SERVICES) MINISTRY FOR COMPETITIVENESS AND COMMUNICATIONS

THE Prime Minister has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	MINISTERU *MINISTRY*	DATA *DATE*
Mr Joseph A. Grech	Direttur (Servizzi Korporattivi) *Director* *(Corporate Services)*	Ministeru għall-Kompetittività u l-Komunikazzjoni *Ministry for Competitiveness and Communications*	Mit-22.9.2004

Il-11 ta' Frar, 2005

11th February, 2005

Nru. 143

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI

IL-KUMMISSJONI Elettorali tgħarraf illi l-kandidat elett bħala Kunsillier fl-elezzjoni każwali li saret nhar it-Tnejn, l-14 ta' Frar, 2005, għall-Kunsill Lokali ta' Safi, biex jimtela l-post li tbattal mis-Sur Alexis Callus, huwa dak li ismu jidher hawn taħt:–

BALDACCHINO CARMEL

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

Il-15 ta' Frar, 2005

No. 143

LOCAL COUNCILS ACT, 1993

THE Electoral Commission notifies that the candidate elected as Councillor in the casual election held on Monday, 14th February, 2005, for the Local Council of Safi, to fill the post vacated by Mr Alexis Callus, is that whose name is shown hereunder:–

BALDACCHINO CARMEL

C. L. De GABRIELE
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

15th February, 2005

Nru. 144

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET RURALI U L-AMBJENT

Rikonoxximent ta' l-Għaqdiet tal-Produtturi

NGĦARRFU b'din illi fil-25 ta' Jannar 2005, id-Direttur ta' l-Agrikoltura, skond id-dispożizzjoni ta' l-Artikolu 12.2 ta' l-Att IX ta' l-2002 irrikonoxxa 'L-Għaqda tal-Produtturi tat-Tadam Maltin' bħala Għaqda tal-Produtturi bl-indirizz uffiċjali:

'Għaqda tal-Produtturi tat-Tadam Maltin',
39, Castro Street,
Naxxar,
Malta

Din l-Għaqda tal-Produtturi ġiet irreġistrata fir-Reġistru Nazzjonali ta' l-Għaqdiet tal-Produtturi fil-kategorija:

"(iv) Tadam għall-ipproċessar" skond ir-Regolament 3(a) tar-Regolamenti ta' l-2004 dwar l-Għaqdiet tal-Produtturi fl-Oqsma tal-Ħaxix u l-Frott (Avviż Legali Nru. 63 ta' l-2004).

Il-15 ta' Frar, 2005

No. 144

MINISTRY FOR RURAL AFFAIRS AND THE ENVIRONMENT

Recognition of Producers' Organisation

IT is hereby noted for the general information that on the 25th January 2005, in accordance with Article 12.2 Act IX of 2002, that the Director of Agriculture has recognised 'L-Għaqda tal-Produtturi tat-Tadam Maltin' a Producer Organisation with the following official address:

'Għaqda tal-Produtturi tat-Tadam Maltin',
39, Castro Street,
Naxxar,
Malta

The Producer Organisation was registered in the National Register of Producer Organisations within category:

"(iv) Tomatoes for Processing" in accordance with Regulation 3 (a) of the Fruit and Vegetables Producer Organisations Regulations, 2004 (Legal Notice 63 of 2004).

15th February, 2005

Nru. 145

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET RURALI U L-AMBJENT

Rikonoxximent ta' l-Għaqdiet tal-Produtturi

NGĦARRFU b'din illi fil-25 ta' Jannar 2005, id-Direttur ta' l-Agrikoltura, skond id-dispożizzjoni ta' l-Artikolu 12.2 ta' l-Att IX ta' l-2002 irrikonoxxa 'L-Għaqda Għawdxija tal-Produtturi tat-Tadam' bħala Għaqda tal-Produtturi bl-indirizz uffiċjali:

'L-Għaqda Għawdxija tal-Produtturi tat-Tadam',
27, Triq ir-Repubblika,
ir-Rabat,
Għawdex

Din l-Għaqda tal-Produtturi ġiet irregistrata fir-Reġistru Nazzjonali ta' l-Għaqdiet tal-Produtturi fil-kategorija:

"(iv) Tadam għall-ipproċessar" skond ir-Regolament 3(a) tar-Regolamenti ta' l-2004 dwar l-Għaqdiet tal-Produtturi fl-Oqsma tal-Ħaxix u l-Frott (Avviż Legali Nru. 63 ta' l-2004).

Il-15 ta' Frar, 2005

No. 145

MINISTRY FOR RURAL AFFAIRS AND THE ENVIRONMENT

Recognition of Producers' Organisation

IT is hereby noted for the general information that on the 25th January 2005, in accordance with Article 12.2 Act IX of 2002, that the Director of Agriculture has recognised 'L-Għaqda Għawdxija tal-Produtturi tat-Tadam' as a Producer Organisation with the following official address:

'L-Għaqda Għawdxija tal-Produtturi tat-Tadam',
27, Triq ir-Repubblika,
Rabat,
Gozo

The Producer Organisation was registered in the National Register of Producer Organisations within category:

"(iv) Tomatoes for Processing" in accordance with Regulation 3 (a) of the Fruit and Vegetables Producer Organisations Regulations, 2004 (Legal Notice 63 of 2004).

15th February, 2005

Nru. 146

ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-KUMMERĊ (KAP. 441)

Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002

SKOND id-dispożizzjonijiet tar-regolament 8 tar-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002, is-Sezzjoni għal Liċenzar tal-Kummerċ qiegħda hawnhekk tippubblika avviżi ta' l-applikazzjonijiet li ġejjin:

No. 146

TRADING LICENCES ACT (CAP. 441)

Trading Licences Regulations 2002

IN terms of the provisions of regulation 8 of the Trading Licences Regulations 2002, the Trade Licensing Unit is hereby publishing a notice of the following applications:

Nru. tar-riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-post kummerċjali *Address of the commercial premises*	Attività kummerċjali *Commercial activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2005 Pt 37	Charles Vella	'Corleone' Triq Bernardette San Ġwann	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I – Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	52.11 52.24	09.02.05
CD/3209/2005 Pt 38	Chris Dalli	Matthia's Dolceria 17, Triq in-Naħal Mellieħa	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I – Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	15 52.24	07.02.05

CD/3209/2005 Pt 40	Albert Borg	European Air Foods Triq it-Tamar Qawra San Pawl il-Baħar	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I – Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	15	09.02.05
CD/3209/2005 Pt 41	Anthony Mc Kay	'St. Moritz' 66, Triq Patri Magri Ħamrun	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.42 52.43 52.48.9	09.02.05
CD/3209/2005 Pt 42	Joseph Portelli	'Downtown' Triq l-Ewropa Victoria Għawdex	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.42 52.43	09.02.05

Kull persuna li għandha interess, tista' tagħmel oġġezzjonijiet jew ilmenti kontra l-għoti ta' liċenza fuq kwistjonijiet ta' kummerċ biss. Kull oġġezzjoni jew ilment għandu jingħata bil-miktub lis-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ, Direttorat għas-Servizzi tal-Kummerċ, Diviżjoni għall-Kummerċ, Lascaris, Valletta, fi żmien għaxart ijiem mid-data li tidher hawn taħt.

Any person showing an interest may file an objection or make representations against the grant of this licence only on trade issues. Such objections or representation may be filed in writing at the Trading Licences Unit, Trade Services Directorate, Commerce Division, Lascaris, Valletta, within ten days from the date shown below.

Il-15 ta' Frar, 2005

15th February, 2005

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 8

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skond l-Avviż Legali 101/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi ma jkunux jistgħu jgħaddu u jwaqqfu fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-data u l-ħinijiet indikati.

Raħal Ġdid

Nhar is-Sibt, il-5 ta' Marzu 2005 mis-1.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Pjazza De Paule, żona ta' parkeġġ quddiem iċ-Ċentru tas-Saħħa, Ħal Saflieni, iċ-Ċimiterju, Sant'Ubaldeska u Ninu Cremona.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż, ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Il-15 ta' Frar, 2005

POLICE NOTICE

Nru. 8

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of legal notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the date and times indicated.

Paola

On Saturday, 5th March 2005 from 1.00 p.m. onwards through the following streets: Pjazza De Paule, parking in front of Health Centre, Ħal Saflieni, iċ-Ċimiterju, Sant'Ubaldeska and Ninu Cremona.

Vehicles found in contravention of this notice, are liable to be towed.

15th February, 2005

FORZI ARMATI TA' MALTA

Il-Forzi Armati ta' Malta se jwettqu programm ta' sparar attiv minn Pembroke Ranges matul ix-xahar ta' Marzu 2005 fid-dati u l-ħinijiet indikati hawn taħt:-

Mit-Tlieta l-1 ta' Marzu sal-Ġimgħa l-4 ta' Marzu 2005 bejn is-7.00 a.m. u l-4.00 p.m.

Mit-Tnejn is-7 ta' Marzu sal-Ġimgħa il-11 ta' Marzu 2005 bejn is-7.00 a.m. u l-4.00 p.m.

Mit-Tnejn l-14 ta' Marzu sal-Ġimgħa it-18 ta' Marzu 2005 bejn is-7.00 a.m. u l-4.00 p.m.

Mit-Tnejn il-21 ta' Marzu sal-Ħams l-24 ta' Marzu 2005 bejn is-7.00 a.m. u l-4.00 p.m.

Mit-Tnejn it-28 ta' Marzu sal-Erbgħa it-30 ta' Marzu 2005 bejn is-7.00 a.m. u l-4.00 p.m.

Il-bastimenti kollha għandhom iżommu żewġ (2) mili 'l bogħod mill-kosta ta' Pembroke matul id-dati u l-ħinijiet imsemmija.

Matul dan it-taħriġ se jittajru bnadar ħomor mil-limiti tar-*ranges* waqt li dawn ikunu attivi.

Il-15 ta' Frar, 2005

ARMED FORCES OF MALTA

The Armed Forces of Malta will be holding a live firing practice from Pembroke Ranges during the month of March 2005 on the dates and times indicated hereunder:-

From Tuesday, 1st March to Friday, 4th March 2005 between 7.00 a.m. and 4.00 p.m.

From Monday, 7th March to Friday, 11th March 2005 between 7.00 a.m. and 4.00 p.m.

From Monday, 14th March to Friday, 18th March 2005 between 7.00 a.m. and 4.00 p.m.

From Monday, 21st March to Thursday, 24th March 2005 between 7.00 a.m. and 4.00 p.m.

From Monday, 28th March to Wednesday, 30th March 2005 between 7.00 a.m. and 4.00 p.m.

All vessels are to keep two (2) miles off Pembroke coast during the above dates and timings.

Red flags will be flown from the limits of the ranges concerned.

15th February, 2005

THE EUROPEAN PERSONNEL SELECTION OFFICE

Posts as Temporary Agents with The European Network and Information Security Agency (ENISA)

The European Personnel Selection Office, EPSO, has published a vacancy notice in its Non-Permanent Posts Section at http://europa.eu.int/epso/temp-staff_en.htm, on behalf of ENISA, the European Network and Information Security Agency, for the recruitment of the following posts as Temporary Agents:

1. Ref: ENISA/TA/A/2005/004 IT Officer (grade A*7) Closing date 25th February 2005
2. Ref: ENISA/TA/A/2005/005 Head of Technical Department (grade A*11) Closing date 28th February 2005
3. Ref: ENISA/TA/A/2005/006 Senior Expert in Risk Analysis and Management (grade A*8) Closing date 28th February 2005
4. Ref: ENISA/TA/A/2005/007 Senior Expert in Security Tools and Architecture (grade A*9) Closing date 28th February 2005
5. Ref: ENISA/TA/A/2005/008 Senior Expert in Network Security Policy (grade A*8) Closing date 28th February 2005
6. Ref: ENISA/TA/A/2005/009 Head of Cooperation and Support Department (grade A*11) Closing date 28th February 2005
7. Ref: ENISA/TA/A/2005/010 Senior Expert in Computer Incident and Response Handling Policy (grade A*8) Closing date 28 February 2005
8. Ref: ENISA/TA/A/2005/011 Senior Expert in Awareness Raising and Promotion of Best Practices (grade A*9) Closing date 28 February 2005
9. Ref: ENISA/TA/A/2005/012 Senior Expert in Coordination Activities with Member States and European Bodies (grade A*9) Closing date 28 February 2005
10. Ref: ENISA/TA/A/2005/013 Senior Expert in Relation to Industry and International Institutions (grade A*9) Closing date 28 February 2005

The European Network and Information Security Agency was established by the European Parliament and the Council Regulation (EC) N. 460/2004 of 10th March 2004 (OJ L 77, 13.3.2004) setting up an agency to manage Community action in the field of network and information security issues. The Agency is provisionally located in Brussels and it will be based in Herakleion, Crete (Greece) - its definitive headquarters - in the near future.

ENISA's mission is to assist the Community in ensuring particularly high levels of network and information security. The Agency will therefore contribute to the development of a culture of network and information security for the benefit of the citizens, consumers, enterprises and public sector organisations of the European Union, consequently contributing to the smooth functioning of the internal market.

Interested persons are requested to use the application form provided by ENISA on its website at http://www.enisa.eu.int/recruitment/index_en.htm and follow the instructions there.

Further information on conditions of employment, on duties, on qualifications and other requirements, and on method of application may also be found on the above ENISA website. The closing date for applications for the vacancies is 28th February 2005, except for vacancy no. 1 (IT Officer) in the above list, which is 25th February 2005. Applications are to be sent by registered mail to:

European Network and Information Security Agency
Human Resources Department
Ref: (quote ref. of vacancy for which you are applying)
Central Mail Service European Commission
24, Avenue de Beaulieu - Office 4/8
B-1049 Brussels

Department of Policy and Planning,
Management and Personnel Office,
Office of the Prime Minister,
Valletta

15th February, 2005

IL-QUALITY ASSURANCE INITIATIVE ADJUDICATING COMMITTEE

Merit Award Scheme - 2005

Il-Quality Assurance Initiative Adjudicating Committee (Audit Committee) fi ħdan id-Diviżjoni tas-Saħħa jilqa' applikazzjonijiet għal proposti għas-Sena 2005 minghand uffiċjali mediċi eliġibbli mill-kategoriji ta' *Chairman*/Direttur Kliniku, Konsulent, *Senior Registrar,* u Uffiċjal Mediku Prinċipali, impjegati fis-Setturi tas-Saħħa, inklużi dawk impjegati mill-Ministeru ta' Għawdex u d-Dipartiment għall-Anzjani u Servizzi Komunitarji.

L-applikazzjonijiet għandhom isiru fuq formoli apposta u għandhom jaslu fl-Uffiċċju tal-QAIAC fil-bini tal-Ministeru tas-Saħħa, Palazzo Castellania, 15, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 03 sa mhux aktar tard minn nofsinhar, it-Tnejn, 28 ta' Frar 2005. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Tobba eliġibbli jistgħu jiksbu kopja tal-formola ta' l-applikazzjoni u kundizzjonijiet mill-*website* tad-Diviżjoni tas-Saħħa:

http://www.health.gov.mt/circulars/2005/dh13_2005.pdf jew DH Cir. No. 13/05. Għal iżjed tagħrif jistgħu jikkuntattjaw lis-Segretarju Eżekuttiv fl-Uffiċċju tal-QAIAC fuq in-numru tat-telefon 22992415.

Il-15 ta' Frar, 2005

THE QUALITY ASSURANCE INITIATIVE ADJUDICATING COMMITTEE

Merit Award Scheme - 2005

The Quality Assurance Initiative Adjudicating Committee (Audit Committee) within the Health Division invites applications for proposals for 2005 from eligible medical officers from the categories of Clinical Chairman/Director, Consultant, Senior Registrar, and Principal Medical Officer employed in the Health Sectors, including those employed by the Ministry for Gozo and the Department for the Elderly and Community Services.

Applications on the designated forms should reach the Office of the QAIAC at The Ministry of Health, Palazzo Castellania, 15, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 03 by not later than noon, Monday 28th February 2005. Late applications will not be considered.

Eligible officers may obtain a copy of the Call for Proposals and relative application form from the Health website:

http://www.health.gov.mt/circulars/2005/dh13_2005.pdf or from the DH Circular No. 13/05. For further information may contact the Executive Secretary at the QAIAC Office on telephone number 22992415.

15th February 2005

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti maghluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana:

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, is-17 ta' Frar, 2005 għal:

CT 17/2005. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' *PVC boots* lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

CT 18/2005. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' *boiler suits* lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

Id-Direttur Ġenerali tal-Kuntratti javża għal informazzjoni ta' kulħadd illi din is-sejħa għal offerti qiegħda tiġi kkanċellata.

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following advertisements will be received on the days and dates indicated below. Tenders are to be dropped in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 17th February, 2005, for:

CT 17/2005. Period contract for the supply of PVC boots to the Procurement Section of the Contracts Department.

CT 18/2005. Period contract for the supply of boiler suits to the Procurement Section of the Contracts Department.

The Director General of Contracts notifies for general information that this call for tenders is being cancelled.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-22 ta' Frar, 2005 għal:

CT 363/2004. Proċessi industrijali speċjalizzati u verifika ambjentali – Awtorità Maltija dwar l-I*standards*. Irid jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-10 ta' Diċembru 2004.

CT 367/2004. Provvista ta' injezzjonijiet *beta interferon* 1A – Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fis-16 ta' Diċembru 2004.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, l-24 ta' Frar, 2005 għal:

CT 375/2004. Provvista, ittestjar u kummissjonar ta' *didactic equipment* għall-*Motor Vehicle Training Programmes* – Kulleġġ ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta. Proġett ta' l-E.U. – *Ref: Transition Facility Programmes/Structural and Cohesion Funds*.

CT 3/2005. Kiri ta' *Private Automatic Branch Exchange (PBX)* fl-Isptar San Luqa għal perjodu ta' ħames (5) snin b'għażla li tinxtara - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 4/2005. Kiri ta' *water chiller for HVAC application* fl-Isptar San Luqa - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 5/2005. Provvista ta' *personal computers* - Awtorità dwar l-Ambjent u l-Ippjanar. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 6/2005. Provvista ta' *A/O external fixation systems* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 7/2005. Provvista ta' *consumables for spacelab monitors* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 8/2005. Provvista ta' *sets for IVAC volumetric pumps* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 9/2005. Provvista ta' *calcipotriol and betamethasone ointment* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 10/2005. Provvista ta' injezzjonijiet *procyclidine hydrochloride 10mg* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 11/2005. Provvista ta' injezzjonijiet *sodium chloride X10ml* - Dipartiment tas-Saħħa.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, l-1 ta' Marzu, 2005 għal:

CT 1/2005. Provvista ta' pilloli *enalapril 20mg* – Dipartiment tas-Saħħa.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 22nd February, 2005, for:

CT 363/2004. Specialised industrial processes and environmental audits – Malta Standards Authority. A fee of Lm10 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 10th December 2004.

CT 367/2004. Supply of beta interferon 1A injections – Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on 16th December 2004.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 24th February, 2005, for:

CT 375/2004. Supply, testing and commissioning of didactic equipment for the Motor Vehicle Training Programmes – Malta College of Arts, Science and Technology. A fee of Lm25 will be charged for each copy of tender document. E.U. Project – Ref: Transition Facility Programmes/Structural and Cohesion Funds.

CT 3/2005. Lease of a Private Automatic Branch Exchange (PBX) at St Luke's Hospital for a period of five (5) years with an option to buy - Department of Health.

CT 4/2005. Hire of water chiller for HVAC application at St Luke's Hospital - Department of Health.

CT 5/2005. Supply and delivery of personal computers - Malta Environment and Planning Authority. A fee of Lm50 will be charged for each copy of tender document.

CT 6/2005. Supply of A/O external fixation systems - Department of Health.

CT 7/2005. Supply of consumables for spacelab monitors - Department of Health.

CT 8/2005. Supply of sets for IVAC volumetric pumps - Department of Health.

CT 9/2005. Supply of calcipotriol and betamethasone ointment - Department of Health.

CT 10/2005. Supply of procyclidine hydrochloride 10mg injections - Department of Health.

CT 11/2005. Supply of sodium chloride X10ml injections - Department of Health.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 1st March, 2005, for:

CT 1/2005. Supply of enalapril 20mg tablets – Department of Health.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-23 ta' Diċembru 2004.

CT 2/2005. Provvista ta' injezzjonijiet *bumetanide 2mg* – Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-23 ta' Diċembru 2004.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-3 ta' Marzu, 2005 għal:

CT 19/2005. Provvista, stallazzjoni u kummissjonar ta' *passenger lifts* fl-Iskola Sekondarja l-ġdida fil-Karwija, limiti ta' Ħal Kirkop - Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Irid jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 20/2005. Stallazzjoni ta' sistemi ta' *extra low voltage (ELV)* fl-Iskola Sekondarja l-ġdida fil-Karwija, limiti ta' Ħal Kirkop - Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 21/2005. Kuntratt perjodiku għat-trasport ta' skart u materjal imqatta' minn Sant'Antnin Waste Treatment Plant - WasteServ Malta Ltd. Irid jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 22/2005. Provvista u twaħħil ta' bibien ta' l-injam u *fire doors* fl-Iskola Sekondarja l-ġdida fil-Karwija, limiti ta' Ħal Kirkop - Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 31/2005. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' *marine* u *meranti plywood* lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

CT 32/2005. Kuntratt perjodiku għall-provvissta ta' *computer continuous paper* lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-8 ta' Marzu, 2005 għal:

